MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 36/2006

**Daphne Caruana Galizia (ID450664)**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem Prximus PR**

**vs**

**Classic Group Limited (C13841)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet hlas ta' sitt mija u dsatax-il Lira Maltin u hamsin centezmi (LM619.50) rapprezentanti dritt tal-attrici ghal servizzi minnha rezi kif jirrizulta mill-fattura annessa mat-talba.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-datat tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn inghad illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, billi fost ragunijiet ohra l-attrici ma ezegwitx l-inkarigu lilha moghti mis-socjeta' konvenuta b'mod professjonali u skond ma titlob is-sengha u l-arti tant illi s-socjeta' konvenuta sa waslet biex sofriet danni minhabba l-agir abuziv u negligenti tal-istess attrici, inkluz hsara lir-reputazzjoni u l-isem tajjeb tas-socjeta' konvenuta.

*Di piu'*, mistiedna sabiex tersaq ghal transazjoni bonarja, l-istess attrici ghazlet minflok illi tistitwixxi minnufih dawn il-proceduri u ghalhekk f'kull kaz u minghajr pregudizzju s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Daphne Caruana Galizia, Karl Micallef u Alison Casha. Sema' x-xhieda ta' Lou Bondi' u ta' Paul Fenech.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda sejha ghal hlas ta' kont ghal servizzi rezi mill-attrici skond fattura prezentata fl-Atti tal-kawza. Minn naha l-ohra is-socjeta' konvenuta tghid illi s-servizz ma kienx rez professjonalment u skond l-arti u s-sengha u *di piu'* is-socjeta' konvenuta tghid li sofriet danni minhabba l-agir abuziv u negligenti tal-istess attrici, inkluz hsara lir-reputazzjoni u l-isem tajjeb tas-socjeta' konevnuta.

L-Ezercizzju professjonali rikjest mill-attrici kien wiehed ta' relazzjoni pubblika li jifforma parti mill-professjoni taghha. L-attrici kellha tiehu hsieb torganizza lista ta' mistiednin ghal zewg 'ricevimenti.' Wiehed minnhom kellu jkun ghal sebghin ruh u l-iehor kellu jkun ghal tlett mitt ruh. L-Attrici giet specifikament rikjesta taghzel il-mistiednin minn lista

ta' mistiednin mid-*database* tas-socjeta' konvenuta kif ukoll tinkludi ismijiet li fil-fehma taghha kellhom ikunu ta' siwi ghas-socjeta' konvenuta u cioe' li kienu ta' profil oghli.

Skond is-socjeta' konvenuta l-attrici inghatat sebghin invit ghall-ewwel riceviment u tlett mitt invit ghat-tieni riceviment. L-Attrici giet ingaggata professjonalment sabiex taghzel sensiela ta' mistiednin ghal dawn ir-ricevimenti, torganizza il-lista u tibghat l-inviti. Din il-lista ta' mistiednin kellha tigi approvata mis-socjeta' attrici qabel ma jintbaghtu bil-posta.

Illi l-ewwel riceviment tat-22 ta' Gunju, 2005 ghal sebghin ruh kien success izda it-tieni riceviment li kellu jkun ghal tlett mitt ruh ma kienx success peres illi kien hemm xi mija u ghoxrin ruh li attendendew li fosthom kien hemm xi erbghin ruh mistiedna personalment mis-socjeta' konvenuta.

Minn lista ta' tlett elef ismijiet moghtija lil-attrici, l-attrici kellha timla tlett mitt invit, liema lista kellha tinkludi lista ta' klijenti partikolari suggeriti mis-socjeta' konvenuta, li gew msejjha bhala '*MUST INVITE.'*

Skond ix-xhieda tal-attrici kif ukoll id-dokumenti ezebiti mill-attrici hija tghid illi l-ewwel riceviment ghal promozzjoni tal-arloggi Zenith f'Malta kien success peress illi hija kienet hadet hsieb tistudju it-tip ta' nies li kellhom jigu mistiedna ghal riceviment simili u stqarret illi dan kien success ghaliex dan it-tip ta' ghazla jirrikjedi hafna hin u ammont ta' diplomazija u dan kollu sar f'qasir zmien. L-Attrici ziedet u qalet illi '*it-turn out'* ta' nies kien tajjeb hafna peress illi kienet segwiet l-inviti b'telefonati personali minna.

Fir-rigward tat-tieni riceviment ta' tlett mitt ruh jidher illi '*it-turn out'* tal-mistednin kien wiehed fqir. Izda l-attrici tghid illi ghal dan hija ma kienetx tahti. Hija tghid illi jekk in-numru ta' mistednin kellu jkun 300 mitt ruh, l-inviti kellhom ikun ferm aktar. Hija ssostni illi normalment ghal dawn it-tipi ta' ricevimenti ikkalkolat a bazi ta' persentagg ta' inviti

mibghuta, wiehed jistenna li jigu biss 30% ta' nies mistednin u ghalhekk skond il-kalkolu taghha kienu gew ezattament terz tan-nies mistiedna.

L-Attrici qalet illi fil-bidu ma riedetx taccetta l-inkarigu mis-socjeta' konvenuta minhabba nuqqas ta' hin ghal preparattivi. Hi ssostni lli giet ingaggata gimghatejn qabel r-ricevimenti tat-22 u 23 ta' Gunju,2005 u normalment ma toperax bil-mod illi operat. Tghid ukoll illi hija kellha biss 250 invit biex tohrog ghar-riceviment ta' tlett mitt ruh li skond hi kienet infurmat lis-socjeta' konvenuta lli in-numru ta' nies li kellhom jigu ghar-riceviment ma kien ser ikun iktar minn 130 kif fil-fatt gew.

Fix-xhieda ta' Micallef huwa isostni lli hu taha 370 inviti ghaz-zewg ricevimenti liema ammont jaqbel *piu o meno* mall-fattura tal-pustagg. *In oltre,* Micallef jghid illi huwa kien kellem lill-attrici ferm qabel f'nofs Mejju izda hi kienet qaltlu li dak iz-zmien kieneti mhabbta u kellu javvicinaha iktar tard.

Fil-fehma tat-Tribunal jidher illi hemm hafna inkonsistenzi bejn ix-xhieda tal-attrici kif ukoll ix-xhieda ta' Karl Micallef. Hija tghid illi kellha 240 invit ghar-riceviment tat-23 ta' Gunju, 2005 u kellha circa hamsin invit ghar-riceviment tat-22 ta' Gunju, 2005 b'kollox 290 invit. Izda it-Tribunal jinnota lli l-attrici nizlet LM25 ghal pustagg. Dan iffisser medja ta' 357 invit mibghuta. Jidher illi hemm diskrepanza ta' 67 invit.

Illi jidher illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta iltaqghat mall-attrici fit-12 ta' Gunju, 2005 ma kienx hemm ebda '*follow up'* minn naha taghhom dwar l-inviti u hallew kollox f'idejha.

Huwa fatt illi l-attrici kienet meghjuna minn Alison Casha, Marketing Manager mas-socjeta' konvenuta izda mix-xhieda ta' Casha jidher illi hija ma kienetx tant involuta fil-preparamenti tal-listi ghalkemm fix-xhieda tghid illi fil-lista finali kien hemm cirka hdax-il isem minn lista ta' xi erbghin li xtaqu li jkuni mistedna s-socjeta' konvenuta.

Jekk kemm-il darba l-attrici kellha lista ta' mistiednin partikolari u dawn ma tnizzlux fl-inviti, l-attrici ghandha tirrispondi ghal dawn in-nuqqasijiet galadarba hi accettat l-inkarigu.

Fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm is-socjeta' konvevuta halliet f'idejn l-attrici, is-socjeta' konvenuta kellha interess illi tara u 'tivvetja' l-lista ta' mistednin qabel dawn ma jinhargu u semmaj twaqqaf lill-attrici milli tohrg l-inviti. Izda fi kliem Paul Fenech, jghid illi gew '*out smarted* ' mill-attrici peress illi hija lahqet bghatet l-inviti minghajr mas-socjeta' konvenuta approvaw il-lista finali. Izda Micallef jghid illi huwa kien mohhu mistrieh peress illi u kien bghatilha l-lista tal-'MUST INVITE.' Fenech ippretenda li l-attrici inkludiet din il-lista partikolari.

Il-fatt illi l-attrici kitbet fuq l-invit 'Hope to see you there-Daphne' kien nuqqas serju da parti mill-attrici ghaliex hi ma kienetx awtorizzata tnizzel xejn f'isimha fuq l-inviti li wara kollox ma kienux mistiednin taghha izda tas-socjeta' konvenuta. Fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt illi tahdem fir-relazzjonijiet pubblici ma jfissirx illi ismek ghandu jidher fuq inviti ta' haddiehor, partikolarment minghajr l-approvazzjoni ta' min inkarigak.

Izda ghar-rigward tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta lli dawn kienu sofrew danni minhabba tali agir, il-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal kien jikkonsisti biss ghal dak li kienu semghu minn terzi persuni jew li ntqal lilhom direttament.

It-Tribunal jirrilleva lli l-attrici ma jista' jkollha ebda kontroll fuq in-numru ta' nies li attendew ir-ricevimenti tas-socjeta' konvenuta. Izda t-Tribunal jinnota illi fil-waqt illi ghall-ewwel riceviment l-attrici tat lilha innifisha l-mertu kollu ghas-success, ghat-tieni riceviment tghid illi l-ammont ta' nies li attendew ma kienx minhabba xi nuqqas da parti taghha.

Fi kliem tal-attrici hija tghid illi sabiex wiehed ikollu 300 mitt ruh f'riceviment huma kellhom jistiednu mill-inqas 700 ruh. Illi skond x-xhieda dokumentali gew stampati 300

invit ghar-riceviment tat-23 ta' Gunju, 2005 u 70 invit ghar-riceviment tat-22 ta' Gunju, 2005. Izda din it-tejorija tal-attrici ma treggix fil-konfront tal-ewwel riceviment fejn il-mistiednin li attendew kienu cirka il-50% tal-inviti mibghuta. Hi kellha 70 invit ghad-disposizzjoni taghha u kien hemm '*turn out'* ta' 70 mir-ruh.

Illi skond ix-xhieda ta' Karl Micallef l-inviti kellhom jinhargu ghaxart ijiem qabel l-avvenimmenti u jigu segwiti b'telefonati. Jidher illi '*follow up'* b'telefonati saru ghar-riceviment tat-22 ta' Gunju, 2005 izda ma kienux saru ghar-riceviment tat-23 ta' Gunju, 2005.

Fil-fehma tat-Tribunal, fir-rigward tat-tieni avveniment l-attrici ma hadmitx bl-istess entuzjazmu u reqqa' li hadmet ghall-ewwel riceviment li kien riceviment eskluzziv maghzul ghal klijentela partikolari.

Rigward il-laqgha li sehh fit-12 ta' Gunju, 2005 jidher illi meta kienu iltaqghu l-attrici kienet ghamlet il-preparamenti necessarji ghar-riceviment tat-22 ta' Gunju liema lista kienet accettabbli. Izda ghar-riceviment tat-23 ta'Gunju, 2005 ma kienetx preparat xejn fl-istess laqgha. Skond ix-xhieda ta' Paul Fenech li kien prezenti ghal din il-laqgha, l-attrici qatt ma tat hjiel illi kien ser ikolha xi problemi rigward ix-xoghol li kellha taghmel ghas-socjeta' konvenuta.

Meta f'din il-laqgha, Micallef induna illi l-attrici kienet ippreparat lista wahda biss ghall-ewwel riceviment u ma kienetx ippreparat il-lista tal-mistiednin ghar-riceviment tat-23 ta' Gunju, 2005 u peress illi Micallef kien ha jsiefer l-ghada ta' din il-laqgha fil-ghaxija stess baghat bl- 'e-mail' lista ta' mistednin li hu eziga li jigu mistiedna u li sejhilhom 'MUST INVITE.' Il-bqija tal-mistiednin kienu ha jkunu f'idejha. Parti mix-xoghol rikjest mill-attrici kien li ticcekja l-indirizzi u li t-titli tal-mistiednin jaqblu.

Skond Micallef il-lista finali tal-mistiednin kellha originarjament tigi approvata mis-socjeta' konvenuta, izda

Micallef jghid illi galadarba hu kien bghatilha il-lista ta' MUST INVITE' u kien mohhu mistrieh.

Is-Socjeta' konvenuta qalet illi hi kienet ingaggat lill-attrici bhala professjonista fil-kamp u ghalhekk kienu hallew l-ghazla tal-bqija tal-mistiednin ghar-ricevimenti li ma kienux jaqghu taht il-'MUST INVITE' fid-diskrezzjoni taghha.

Jidher illi l-inviti kienu tlestew u mibghuta fil-gimgha wara l-laqgha tat-12 ta' Gunju, 2005 u Karl Micallef jghid ili huwa kien ircieva xi ilmenti dwar il-mod kif inhargu l-inviti li kienu gew personalizzati bil-kliem 'see you there-Daphne,' u li kienu inqalghu xi problemi ma certi klijenti mizzewwgin. Skond ix-xhieda ta' Karl Micallef jidher illi mill-lista tal-mistiednin li kien eziga li jigu mistiedna kien hemm biss hdax-il ismijiet. Micallef jghid illi sa gurnata qabel ir-riceviment hu kien talab l-attrici kemm kienet qed tippretendi li jattendu u kienet ikkonfermat in-numru ta' 300 mitt mistiedna ghalhekk l-ikel gie ordnat a bazi ta' l-ammont indikat. Jidher illi l-attrici kienet assigurat is-socjeta' konvenuta '*turn out'* ta' tlett mitt ruh minkejja li fix-xhieda tghid il-kuntrarju.

Fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu lli f'din il-kawza ghalkemm hemm xhieda konfliggenti u inkonsistenzi bejn il-partijiet ma jidhirlux illi tezisti kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda izda pjuttost nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-partijiet.

It-Tribunal huwa konvint illi ir-riceviment tat-23 ta' Gunju, 2005 kien falla minhabba nuqqas ta' ftehim u koordinazjoni tajba bejn il-partijiet, minkejja l-ghajnuna ta' Alison Casha, Marketing Manager mas-socjeta' konvenuta u mezzi ohra ta' kommunikazzjoni ghad-disponibilita' tal-partijiet. It-Tribunal ikkonstata illi ghalkemm l-attrici bghatet l-inviti ma kienx hemm *'follow up'* taghhom kif kien rikjest minnha. Irrizulta ukoll illi mill-lista tal-'MUST INVITE, ' l-attrici kienet stiednet biss hdax-il persuna.

Illi s-socjeta' konvenuta hadu zball li hallew kollox f'idejn l-attrici peress illi evidentement hija qatt ma setghet ikollha

kontroll fuq il-mistiedna li ghazlet. Il-Kontroll li kellha hu li tistieden in-nies skond kif giet mitluba u ssegwi l-inviti b'telefonati. Xoghol li jirrkjedi hafna hin izda li kellu jsir galadarba l-inkarigu gie accettat minkejja nuqqasijiet fil-listi tad-*database* tas-socjeta' konvenuta, li wara kolllox kienu l-klijenti tal-attrici.

Dwar il-fattura prezentata tardivament, it-Tribunal jirrilleva illi huwa minnu li r-ricevimenti sehhew f'Gunju tal-2005 u l-attrici baghtet l-kont taghha f'Ottubru u cioe' erba' xhur wara r-riceviment. Izda l-fatt illi l-kont intbghat tardiv m'ghandux ifisser illi fattura m'ghandhiex tkun dovuta anke jekk s-socjeta' konvenuta kienet stqarret mall-attrici lli ma kienux kuntenti bl-ezitu tat-tieni riceviment.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-attrici kellha tikkoordina u tiddiskuti l-lista tan-nies li kellhom ikunu mistiedna b'mod professjonali, u ma kellhiex ghalfejn tiehu r-responsabbilita' li tistieden u taghzel in-nies li riedet hi minghajr l-approvazzjoni tal-klijenti taghha.

Irrizulta illi l-lista tal-mistiednin 'MUST INVITE,' ma kienux gew kollha mistiedna ghajr ghal hdax-il persuna. Illi l-attrici kellha lil Alison Casha, ghad-disposizzjoni taghha izda li donnu din l-anqas ma kienet ikkoordinat xogholha sew mas-socjeta' konvenuta u ta' dan in-nuqqqas m'ghandhiex tbatih l-attrici.

Jidher minn dokumenti ezebiti illi minkejja tentattivi minn naha tas-socjeta' konvenuta sabiex jiltaqghu u jipprovaw jasslu ghal soluzzjoni amikevoli, l-attrici ezerciatat id-dritt taghha u bdiet il-proceduri fil-Qrati ta' Malta.

Illi t-Tribunal sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa ghandu joqghod fuq ix-xhieda u dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza. Ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet iffirmat u l-anqas *terms of reference* bil-miktub.

Illi ghalhekk, t-Tribunal jidhirlu lli ghall-ewwel riceviment ma kienx hemm ilmenti izda l-vertenza tal-kawza hija ghall-avveniment tat-23 ta' Gunju, 2005.

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-attrici qatt ma tista titqies responsabbli ghall-ammont ta' mistednin li jitfaccaw f'riceviment. Izda hija kellha responsabbilita' bhala professjonista fil-kamp tar-relazzjonijiet pubblici, lli taghmel lista xierqa u li kellha tattira klijentela xierqa ghas-socjeta' konvenuta u tinforma lill-klijenti taghha b'nuqqasijiet li kienu jidhruha xierqa. Xogholha kien jinkludi li ssegwi l-inviti b'telefonati personali li ma sarux. Kien hemm tenttativi ta' telefonati izda wara li s-socjeta' konvenuta indunaw bin-nuqqasijiet fil-lista tal-'MUST INVITE.'

Tentattiv minn naha tal-attrici li tippersonalizza l-inviti b'nota personali minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta' konvenuta, mhuwiex komportament professjonali. Ghalhekk, t-Tribunal jidhirlu lli hija marret oltre dak li gie rikjest minnha u ma kellhiex ghalfejn tikteb ebda kliem f'isimha minghajr il-permess tas-socjeta' konvenuta. Izda t-Tribunal jidhirlu lli in kwantu ghad-danni sofferti minhabba din il-kitba personali fl-inviti mill-attrici, s-socjeta' konvenuta ma pruvatx id-danni sofferti minnha u ghalhekk ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-attrici ma timmeritax is-somma mitluba minnha.

Ghalhekk it-Tribunal b'sens ta' gustizzja u ekwita' ihoss illi l-ammont xieraq tal-fattura fil-kaz ghandu jkun ta' mitejn hamsa u sebghin Lira Maltin (LM275.00) VAT eskluz.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi fil-waqt illi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament kif fuq spjegat, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm275.00) lill-attrici bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-effettiv pagament.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------